MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 22/1998/1

Galea General Services Limited .

Vs

Justin Buttigieg, u b'degriet tat-12 ta' Marzu, 2002, Emanuel Buttigieg,m "Dar il-Lunzjata" triq tal-Mulejja, Fontana, Ghawdex gie nominat kuratur sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Justin Buttigieg .

Il-Qorti ,

Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tletin lira Maltija (LM330) dovuta mill-konvenut rapprezentanti portata ta' sitt (6) kambjalijiet accettati minnu konvenut liema kambjali jinsabu lkoll skaduti . Dan l-ammont jirrapprezenta bilanc dovut lis-socjeta' attrici in segwitu ta' bejgh ta' vettura tat-tip "Mitsubishi – Colt" .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji spediti fil-15 ta’ Jannar, 1997 u fit-22 ta’ April, 1997 u tal-ittra ufficjali mibghuta f’Lulju 1997 u bl-imghaxijiet dovuti skond il-Ligi sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :

1. Illi l-eccipjenti kien kostrett li jwaqqaf il-pagamenti li qeghda titlob il-hlas taghhom is-socjeta’ attrici minhabba difett fil-vettur li zviluppa ftit jiem wara li l-vettur giet mixtrija mill-eccipjenti minghand is-socjeta’ attrici, liema difett is-socjeta’ attrici ghalkemm kienet taf li jezisti xorta wahda pprocediet bil-bejgh tal-vettura u wara li kien sar il-bejgh irrifjutat li tiehu l-vettura lura jew li tirrimedja d-difett fil-vettura ;

2. Illi l-eccipjenti mhux obbligat li jhallas il-bilanc tal-prezz tal-bejgh tal-vettura meta tali bejgh kien vizzjat u kien hemm *mala fede* da parti tas-socjeta’ attrici ;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta’ l-avukat Dottor Michael Grech prodott mis-socjeta’ attrici fejn ipproduca sitt kambjali illi dwarhom qed issir it-talba ghal hlas a tenur ta’dan l-avviz .

Rat il-kontenut ta’ l-istess kambjali, illi huma specifikament dak esebit bhala dokument GG 1 ghal l-ammont ta’ hamsa u hamsin lira, li skada fit-22 ta’ Jannar, 1997; iehor esebit bhala dokument GG 2 ghal l-ammont ta’ erbgha u hamsin lira, illi skada fit-22 ta’ Frar, 1997; iehor esebit bhala dokument GG 3 ghal l-ammont ta’ erbgha u hamsin lira, li skada fit-22 ta’ Marzu, 1997; iehor esebit bhala dokument GG 4 ghal l-ammont ta’ erbgha u hamsin lira, li skada fit-22 ta’ April 1997; iehor immarkat bhala dokument GG 5 ghal l-ammont ta’ tlieta u hamsin lira, illi skada fit-22 ta’ Mejju, 1997; u iehor esebit bhala

dokument GG 6 ghal l-ammont ta’ tlieta u hamsin lira maltija, li skada fit-22 ta’ Gunju, 1997 .

Il-Qorti, wara li ghaddiet l-ammonti globali ta’ dawn il-kambjali ggib is-somma ta’ tlett mija tlieta u ghoxrin lira (LM323), u cioe’ inqas minn dak indikat f’dan l-avviz illi kien ghal tlett mija u tletin lira; pero’ billi din hija azzjoni kambjarja, il-Qorti skond il-gurisprudenza kostanti ma ghandha ghal fejn tara xejn hlief il-kontenut ta’ l-istess kambjali u li l-istess kambjali huma dovuti, ghal hekk tiddecidi din il-kawza billi tilqa’ t-talba attrici pero’ mhux ghal l-ammont mitlub fl-avviz, imma ghal dak li huwa attwalment dovut u cioe’ tlett mija tlieta u ghoxrin lira maltija (LM323) rapprezentanti portata ta’ sitt kambjalijiet accettati mill-konvenut u li jinsabu lkoll skaduti, u dan rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta’ attrici in segwitu ghal bejgh lill-istess konvenut ta’ vettura tat-tip “Mitsubishi – Colt”.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji spediti fil-15 ta’ Jananr, 1997, u fit-22 ta’ April, 1997, u tal-ittra ufficjali mibghuta f’Lulju 1997, u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-iskadenzi ta’ l-istess kambjali sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-istess konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------